MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2015

Numru. 722/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Albert Lia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Albert Lia** ta' hamsin (50) sena, bin Carmelo u Feliciana neé Sciberras, imwieled Mtarfa nhar il-15 ta' Ottubru 1962, residenti fil-fond numru 45, September Morn, Triq il-Girghien, Bizebbuga, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 631662(M),

akkuzat talli nhar il-05 ta' Marzu 2012, ghal habta tas-sebgha ta' filghodu (07:00hrs) gewwa Vjal 21 ta' Settembru, Naxxar, b'nuqqas

ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti waqt li kien qieghed isuq il-vettura tal-ghamla Ford tip Fiesta, bin-numru tar-registrazzjoni JET 508:

1. involontarjament kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Vittoria Sultana;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAF 121 b'manjiera traskurata u negligenti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "JM 3" – *a fol.* 8).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 9)

Rat il-*Proces Verbal* Numru 582/13 redatt mill-Magistrat Dr. Marse-Ann Farrugia (Dok. "CF 1" – *a fol.* 10) fejn gie konkluz is-segwenti:

> "Fid-dawl tas-suespost, il-Magistrat Inkwirenti tikkonkludi li fil-5 ta' Marzu 2012, Maria Vittoria Sultana ttajret mill-karrozza bin-numru ta' registrazzjoni JET 508 misjuqa minn Albert Lia. Illi ghalkemm jista' jkun hemm htija kontributorja minn naha tas-Sinjura Sultana, hemm provi bizzejjed *prima facie* sabiex jittiehdu proceduri kriminali kontra Albert Lia talli:
>
> 1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis

tar-regolamenti kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Vittoria Sultana;

2. saq b'mod traskurat u negligenti".[1]

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

Semghet, fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2014 (*a fol.* 64), lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2014 (*a fol.* 64) fejn il-Qorti kkoncediet lid-difiza zmien sad-19 ta' Frar 2015 sabiex tipprezenta s-sottomissjonijiet finali taghha bil-miktub.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fit-12 ta' Frar 2015 (*a fol.* 65 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013, xehed il-**Prokuratur Legali Mario Buttigieg** (*a fol.* 11 *et seq.*) fejn ikkonferma r-rapport li giet redatt minnu u mis-Sur Joseph Zammit fl-Inkjesta Magisterjali.[2] Ikkonferma l-konkluzjonijiet raggunti fir-rapport fejn inghad hekk:

> "Illi meta Sultana kienet qed taqsam hija giet imtajra. Illi Sultana kienet diga qassmet tlett kwarti tat-triq meta hija sfat imtajra. Illi b'konsegwenza l-vettura soffriet hsarat zghar hafna fuq il-*bonnet* u selha fil-*bumper*. Illi bid-daqqa Sultana sofriet griehi ta' natura gravi [...].

[1] *A fol.* 11 u 12 tal-Inkjesta Magisterjali (Dok. "CF 1" – *a fol.* 10 tal-process).
[2] Dan ir-rapport jinsab *a fol.* 21 *et seq.* tal-Inkjesta Magisterjali (Dok. "CF 1" – *a fol.* 10 tal-process).

Illi waqt l-access l-esponent fuq il-post tal-incident osserva li l-vettura numru JET 508 ma halliet l-ebda tip ta' marki la ta' brejkijiet u lanqas *skid marks*. Illi gie osservat ukoll li l-allegata vittma Maria Vittoria Sultana ntlaqtet b'velocita' moderata ta' bejn ghoxrin (20 mfs) sa erbghin (40 mfs) mil fis-siegha. [...]

Illi ghar-ragunijiet taghha Sultana ghazlet illi ma tuzax il-*pedestrian crossings* li hemm f'din it-triq izda ghazlet illi taqsam minn punt fejn il-*pedestrian crossing* kien ftit metri l-boghod minnha. Illi jrid jinghad ukoll illi din it-triq hija kkunsidrata bhala wahda passaguza hafna u l-*pedestrian crossings* f'din it-triq jindika b'mod car li wiehed ghandu jaghmel uzu minnhom u jaqsam minn fuq il-*pedestrian crossing* l-iktar vicin.

Illi l-velocita' li kien qed isuq biha l-vettura Lia kienet wahda moderata. Illi madanakollu malli l-vettura messet il-*pedestrian*, din kienet bizzejjed sabiex Sultana tizbilancja ruhha fejn finalment waqghet fl-art. Illi bid-daqqa u minhabba l-eta' matura taghha Sultana soffriet griehi ta' natura gravi u fil-fatt sahhitha qalbet ghal aghar xi sieghat wara illi kien sehh l-allegat incident.

Illi fl-opinjoni umli tal-esponent dan kien incident sfortunat fejn il-vittma uriet nuqqas ta' responsabilita' meta qassmet minn din it-triq maggura illi hija passaguza f'kull hin tal-gurnata. Illi madanakollu mix-xhieda migbura kif ukoll mill-istudju mhejji l-esponent qieghed umilment jasal ghall-konkluzjoni illi seta' kien hemm ukoll nuqqas ta' responsabilita' minn naha tas-sewwieq Albert Lia fejn hu minn naha tieghu naqas illi jiehu *a proper lookout* u b'hekk kien jara lil Sultana peress illi gie kkonstatat illi l-vittma giet imtajra meta kienet diga qassmet tlett kwarti ta' triq. Illi ghal dan l-esponent irid ukoll isemmi illi kien hemm possibilment nuqqas sostanzjali ta' visibilita' minhabba x-xita li kienet niezla. Illi kemm is-sewwieq u kemm il-passiggier allegaw fix-xhieda taghhom illi huma lemhu lil Sultana taqsam it-triq kemm xejn qabel ma sehh l-incident. Illi madanakollu

minkejja dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, is-sewwieq xorta ghandu r-responabilita' illi jnaqqas iktar il-velocità u jkollu *a proper lookout* ta' dak illi qed jigri fit-triq sabiex jigu evitati incidenti sfortunati bhal dawn.

Illi hareg manifestament car li s-sewwieq ma hax *a proper look out*. Illi Lia naqas milli jara jekk kienx hemm nies qed jaqsmu.

[...]

Illi fl-opinjoni umli tal-esponent jista' jkun hemm element ta' traskuragni li biha gie kkawzat l-allegat incident. [...]

Illi ghaldaqstant skond l-investigazzjoni u l-evidenza migbura, hija l-opinjoni umli tal-esponent illi hemm bizzejjed fatti illi juru illi Lia naqas u ghaldaqstant hemm elementi bizzejjed *prima facie* sabiex jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali taht is-sussegwenti l-akkuzi [...]."

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-incident sehh ghall-habta tal-5.00am u u li hu kien mar dakinhar stess ghal xi 3.00-3.30pm. Jghid li l-imputat gie mitlub jerga' jmur fuq il-post u ha l-vettura u bdew l-investigazzjonijiet relatati mal-Inkjesta Magisterjali. Jghid li l-imputat rega' gie mitlub ipoggi l-vettura fejn kienet fil-hin tal-akkadut sabiex setghet issir pjanta. Jghid li kollox sar fuq *re-collection* tal-imputat. Jghid li hu mar ukoll l-iSptar fejn ha l-verzjoni moghtija minn Sultana.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll **il-Perit Richard Aquilina** (*a fol.* 13 *et seq.*) fejn ikkonferma r-rapport u l-pjanta li gew mhejjija minnu fl-Inkjesta Magisterjali.[3] Fir-rapport tieghu gie ndikat is-segwenti:

"Il-karrozza *Ford Fiesta* numru JET 508 ingabet fuq il-post mill-*Warden* Nru. G 566 Albert Lia li poggieha fil-pozizzjoni kif kienet meta gara l-incident. Din il-karrozza kellha:

[3] Dan ir-rapport jinsab *a fol.* 59 *et seq.* tal-Inkjesta Magisterjali (Dok. "CF 1" – *a fol.* 10 tal-process).

1. trab ta' fuq in-naha tal-lemin tal-*bumper* quddiem minsuh;
2. briex fuq il-genb tal-*bonnet*;
3. zewg tkaxkiriet fuq in-baha ta' wara lemin tal-*bonnet* li kienu f'gholi ta' cirka 85 cm mill-art.

Ma nstabu l-ebda *brakemarks*. Fil-hin li nzamm l-access it-triq kienet xotta, izda filghodu f'xi 07.00am meta sar l-incident kienet ghamlet ix-xita kif gie konfermat minn PS 1131 Justin Camilleri u kif l-esponent osserva illi l-iskizz ta' dan is-Surgent kien imbewwaq bit-tixtrib".

In kontro-ezami jghid li mar fuq il-post ghas-2.30pm. Jghid li l-pjanta turi l-pozizzjoni kif tpoggiet il-vettura fuq il-post dak il-hin.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll **Stephen Cachia** (rapprezentant Transport Malta – *a fol.* 15) fejn xehed li dakinhar tal-akkadut il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JET 508 kienet registrata fuq Kenneth Demartino ghan-nom tal-kumpanija Jetkins Limited. Xehed ukoll fuq il-licenzja tas-sewqan tal-imputat. Ezebixxa d-dokumenti li xehed fuqhom li gew immarkati bhala Dok. "SC 1" (*a fol.* 17 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Josric Mifsud** (*a fol.* 23 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-akkadut gie nfurmat ghal xi 9.00-9.30am mis-Surgent Camilleri li kien hemm incident ta' traffiku u mal-wasla n-*nurses* hadu lil Sultana l-iSptar li f'dak l-istadju ma kellha xejn hlief kontuzjonijiet. Jghid li hin wara hu personalment kien l-iSptar Mater Dei fuq investigazzjoni ohra u f'hin minnhom tabib tal-Emergenza infurmah li l-anzjana in kwistjoni kienet tinsab fil-periklu tal-mewt. Jghid li gie nfurmat il-Magistrat tal-Ghassa u giet miftuha Inkjesta Magisterjali u li l-imputat gie mitlub jerga' jmur bil-vettura.

In kontro-ezami jghid li l-Pulizija marru immedjatament fuq il-post ghax fejn sehh l-akkadut jinsab anqas minn mitejn metru boghod mill-Ghassa tal-Pulizija. Jghid li s-Surgent kien ghamel ix-xoghol li s-soltu jaghmel f'kaz li ma tkunx ser issir Inkjesta

Magisterjali. Jghid li, jekk mhux sejjer zball, kien sar *sketch* mis-Surgent.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll **Michael Sultana** (*a fol.* 25 *et seq.*) fejn spjega li l-parti leza Sultana hija l-mara tieghu. Jghid li dakinhar tal-akkadut ghal xi 7.00am jew aktar tard martu harget tixtri xi affarijiet. Jghid li, peress li kienet ix-xita, lill-martu qalilha li kien ikun ahjar biex ma tmurx. Jghid li malli martu rat li x-xita waqfet, harget u hu qaghad jistennieha fil-bieb. Jixhed li rcieva telefonata fejn gie nfurmat li martu sfat mtajra u b'hekk hu telaq jigri u sab lil martu f'nofs it-triq bix-xita nizla fuqha, peress li x-xita regghet bdiet traxxax. Jghid li magenbha kien hemm vettura wieqfa u z-zarbuna taghha giet mtajjra l-boghod. Jghid li martu kellha 82 sena u hu qaghad hdejha sakemm waslet l-ambulanza peress li kienet mugugha. Jghid li min cempillu qallu li n-numru tieghu gie moghti lilhom minn martu. Jghid li ma jafx kemm damet l-iSptar martu pero jghid li damet peress li kellha xi ksur.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li dakinhar tal-akkadut kien il-maltemp. Jghid li martu harget b'umbrella, liema umbrella ma kienitx miftuha meta hija harget mill-bieb. Jghid li mill-mument li martu harget mid-dar sakemm ircieva t-telefonata lehqu ghaddew madwar ghoxrin minuta. Jghid li fil-hin tal-akkadut martu kienet diga xtrat li kellha tixtri. Jghid li ma jahsibx li martu kellha zarbun li jinqafel. Meta gie mistoqsi jghid jekk meta mar fejn martu sabhiex fuq iz-*zebra crossing*, filwaqt li jikkonferma li hemm *zebra crossing* fl-akwati, jghid: *"hi spjegatli ghax kif ghidtlek baqghet f'sensieha, hi qaltli li rat illi ma kienx hemm karozzi gejjin, rat illi wahda kienet ghadha hdejn il-muzew nghidulu ahna [...] u rat illi kellha cans li taqsam u ma lahqitx qasmet it-triq"* (*a fol.* 28).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll **PS 1131 Justin Camilleri** (*a fol.* 29 *et seq.*) fejn ikkonferma l-okkorrenza li giet redatta minnha, liema okkorrenza giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "JC 1" (*a fol.* 32 *et seq.*). Mistoqsi jghid jekk sarx *sketch*, wiegeb fin-negattiv peress li jghid li aktar tard saret Inkjesta Magisterjali. Jghid li l-vettura thalliet fil-pozizzjoni li kienet u li PC 1028 baqa' hdejha u kien biss meta gew infurmati mill-iSptar Mater Dei li l-parti leza ma kienitx fil-periklu tal-mewt li l-vettura giet rilaxxata.

Jixhed li ghal xi s-2.00pm l-iSpettur kien infurmah li kien ircieva informazzjoni li l-parti leza kienet tinsab fil-periklu tal-mewt.

In kontro-ezami kkonferma li mar fuq il-post tal-incident ftit sekondi wara li dan kien sehh. Ikkonferma li meta wasal fuq il-post sab lill-parti leza mal-art. Jichad li kienet fuq *zebra crossing*. Ikkonferma li kienet ix-xita u li r-ragel tal-parti leza wasal fuq il-post wara li wasal hu. Jghid li dakinhar stess filghodu ha l-verzjoni tal-imputat u tal-passiggier li kellu mieghu.

**PS 1131 Justin Camilleri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 48 *et seq.*) fejn ikkonferma li *sketch* ma kienx sar pero x'hin acceda fuq il-post kien ha l-*prime note* u anke pinga *sketch roughly*. Ezebixxa dan li gie mmarkat bhala Dok. "JC 2" (*a fol.* 54 *et seq.*). Indika b'salib b'kulur blu fuq l-i*sketch* fejn kienet il-parti leza, precizament quddiem il-*mudguard* tan-naha tax-xufier.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 48 *et seq.*), ikkonferma li l-espert gie nkarigat mill-Magistrat Inkwirenti wara li hu dahhal ir-rapport fis-sistema. Jghid li l-i*sketch* li ghamel hu (PS 1131) ma nharigx ufficjalment peress li kien hemm Inkjesta Magisterjali u li l-i*sketch* tieghu kien jigi prezentat kieku l-parti leza ma spiccatx fil-periklu tal-mewt. Jghid li l-i*sketch* kien ghadu mhux lest u baqa' kif kien ladarba gie nfurmat li l-parti leza kienet fil-periklu tal-mewt u gew mahtura esperti fl-Inkjesta Magisterjali. Jghid li f'dan il-kaz huwa zamm l-i*sketch* mar-*records* tieghu peress li nfethet Inkjesta Magisterjali.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll **PC 1028 Christian Sciberras** (*a fol.* 40 *et seq.*) fejn qal li flimkien ma' PS 1131 mar fuq il-post tal-akkadut fejn sabu lill-parti leza u zewg persuni lebsin l-uniformi tal-*wardens* u l-vettura taghhom ukoll fuq il-post. Jghid li l-vettura kienet gejja mid-direzzjoni tan-Naxxar lejn il-Mosta u li wara li giet l-ambulanza u l-parti leza ttiehdet l-iSptar gew informati li l-parti leza ma kienitx fil-periklu tal-mewt u b'hekk il-vettura tnehhiet minn fuq il-post tal-incident. Ikkonferma l-okkorrenza mmarkata bhala Dok. "JC 1" (*a fol.* 32 *et seq.*). Ipprezenta wkoll ritratt mehud minnu dakinhar stess liema ritratt gie mmarkat bhala Dok. "CS 1" (*a fol.* 43). Jghid li r-ritratt

juri l-kundizzjoni u s-sitwazzjoni tat-triq u li l-art kienet imxarba peress li kienet xita qawwija.

In kontro-ezami jghid li ma jidhirlux li sar *sketch*.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll **Roderick Tanti** (*a fol.* 44 *et seq.*) fejn qal li huwa kien prezenti meta sehh l-incident. Jghid li dakinhar kien xoghol fit-8.00am u l-kollega tieghu (l-imputat) kien ser iwasslu u ghall-habta tas-7.30am kienu ghaddejjin minn Naxxar. Jghid li kienet niezla hafna xita u li hekk kif waslu vicin l-Ghassa tal-Pulizija fin-Naxxar qasmet mara anzjana minn wara vettura. Jghid li l-imputat ma kellux cans jibbrejkja u l-mara sfat imtajra. Jghid li hekk kif nizlu mill-vettura sabu lill-mara mimduda mal-art.

In kontro-ezami jghid li l-parti leza harget minn wara vettura zghira. Jghid li ma setghux jaraw lill-parti leza hierga minn wara din il-vettura. Jghid li l-parti leza kienet ta' statura qasira. Jispjega li fil-vicinanzi fejn sehh l-incident hemm *zewg crossings* u spjega fejn huma u li l-parti leza qasmet minn bejniethom. Jichad li l-parti leza qasmet minn fuq *zebra crossing*.

**Roderick Tanti** xehed fl-Inkjesta Magisterjali[4] fis-7 ta' Marzu 2012 fejn qal: *"F'daqqa wahda nara mara taqsam minn wara vettura li dak il-hin kienet wieqfa fejn hi qabdet u qasmet. Jiena lil din il-mara qatt ma rajtha taqsam u kien fl-ahhar hinijiet li jiena rajtha f'nofs ta' triq. Lia ma kellux cans jaghfas il-brejk meta sehh l-incident. Ma niftakarx b'liema parti tal-vettura giet milquta. Bid-daqqa l-mara waqghet mal-art quddiem il-vettura. Wara li sehh l-incident hrigna minn gol-vettura u jiena cempilt ghall-ambulanza".*

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2014, xehed **Dr. Mario Scerri** (*a fol.* 60 *et seq.*) fejn ikkonferma r-rapport li gie mhejji minnu fl-Inkjesta Magisterjali.[5] F'dan ir-rapport jinghad hekk:

1. "Illi Mary Sultana kienet qeghda taqsam it-triq fi Vjal il-XXI ta' Settembru n-Naxxar meta din giet milquta minn karrozza;

[4] *A fol.* 32 *et seq.* u *a fol.* 56 *tergo* tal-Inkjesta Magisterjali (Dok. "CF 1" – *a fol.* 10 tal-process).
[5] Dan ir-rapport jinsab *a fol.* 69 *et seq.* tal-Inkjesta Magisterjali (Dok. "CF 1" – *a fol.* 10 tal-process).

2. Illi din kienet orjentata ghal-lok, hin u persuna;

3. Illi d-*diaphragmic hernia* setghet kienet *pre-existent condition*;

4. Illi l-lezjonijiet deskritti huma ta' natura gravi;

5. Illi jidher illi din intlaqtet mill-vettura min-naha tax-xellug taghha;

6. Illi kondizzjoni ta' Sultana baqghet stabbli, tjiebet u eventwalment din giet licenzjata mill-iSptar Mater Dei".

Fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti, Dr. Scerri jghid li l-kundizzjoni tal-parti leza saret stabbli, tjiebet u eventwalment giet licenzjata mill-iSptar. Jghid li wara li ssottometta r-relazzjoni tieghu fl-Inkjesta Magisterjali, skopra li l-parti leza mietet fil-15 ta' Marzu 2013. Ipprezenta l-kopja tal-istorja medika tal-parti leza li giet immarkata bhala Dok. "MS 1" (*a fol.* 62). Jghid li l-parti leza mietet minhabba kundizzjoni li ma ghandha x'taqsam assolutament xejn, lanqas b'mod indirett, mal-incident in kwistjoni tant li l-parti leza ma kienitx sottomessa ghall-awtopsja.

**Ikkunsidrat**

Illi **Albert Lia** xehed fl-Inkjesta Magisterjali[6] fil-5 ta' Marzu 2012 wara li gie moghti d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu, liema dritt hadu. Lia gie moghti wkoll it-twissija li jista' ma jwegibx ghall-mistoqsijiet li setghu b'xi mod jinkriminawh. Jghid li dakinhar filghodu beda xoghol ghal xi 7.00am, qabad il-vettura tax-xoghol bin-numru ta' registrazzjoni JET 508 sabiex iwassal lill-kollega tieghu Roderick Tanti l-Mosta. Jghid: *"X'hin jiena kont ghaddej minn Vjal il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Settembru, Naxxar kienet niezla hafna xita. Niftakar li l-wipers kienu fuq il-maximum speed waqt li kelli d-dawl mixghul. Vetturi quddiem ma kienx hemm izda fid-direzzjoni opposta kien hemm ghaddej t-traffiku izda kien*

[6] *A fol.* 31 *et seq.* u *a fol.* 56 *et seq.* tal-Inkjesta Magisterjali (Dok. "CF 1" – *a fol.* 10 tal-process).

*miexi bil-mod u anke kien hemm hinijiet meta kien wieqaf. Kif jiena kont ghaddej mhux iktar minn tletin (30mph) mil-fis-siegha, meta f'daqqa wahda harget mara anzjana minn wara vettura li kienet qed timxi. Jiena rajtha madwar zewg metri l-boghod taqsam minn naha tal-lemin ghan-naha tax-xellug. Fil-pront jiena ghafast il-brejk pero l-vettura li jiena kont qed insuq skiddjat u xorta lqatt il-persuna. Irrid nippreciza ezatt li l-vettura tkaxkret minn wara. Intant il-mara kienet liebsa libsa skura u cioé jew iswed jew griz skur".*

Illi l-parti leza **Sultana** xehdet fl-Inkjesta Magisterjali[7] fit-13 ta' Marzu 2012 fejn qalet li dakinhar tal-akkadut marret tixtri u kienet sejra lura d-dar. Tghid li qasmet mill-kantuniera u mhux mill-*pedestrian crossing* peress li ghaliha kienet il-boghod. Tghid li peress li kienet ix-xita ddecidiet li taqsam minn hemm. Tghid li qasmet madwar hames passi l-boghod mill-kantuniera u dak il-hin li qasmet ma kienx hemm vetturi pparkjati ma' genb it-triq. Tixhed li ma kien hemm l-ebda vettura ghaddejja minn naha tal-lemin taghha. Tghid: *"Qabel ma bdejt naqsam harist lejn il-lemin u wara fuq ix-xellug tieghi ghal darbtejn u bdejt naqsam. Sabiex nippreciza ezatt qabel ma jiena bdejt naqsam u kont ghadni fuq il-bankina jien rajt vettura gejja izda x'kulur kienet ma nafx x'kien peress li kien ghadu d-dlam u anki x-xita. Hsibt li ser naqsam. Ma niftakarx fejn kont meta jiena gejt milquta mill-vettura li kienet misjuqa mill-warden"*. Tghid li giet mehuda l-iSptar u li bl-incident kisret l-ghadma tal-koxxa tan-naha tax-xellug, il-*hip bone*, idha x-xellugija u anke dahra.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'zewg imputazzjonijiet li jirrigwardaw l-incident stradali li sehh fil-5 ta' Marzu 2012 meta huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JET 508 u sfat milquta l-parti leza Sultana, li kienet qed taqsam it-triq u li sofriet griehi ta' natura gravi. Bhala parentezi, il-Qorti tinnota li zmien qabel bdew jinstemghu x-xhieda f'dawn il-proceduri, il-parti leza mietet, liema mewta rrizulta ma kellha x'taqsam xejn mal-incident stradali *de quo*. Il-Qorti ser issa tanalizza l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat wahda wahda.

[7] *A fol.* 33 *et seq.* u *a fol.* 57 *et seq.* tal-Inkjesta Magisterjali (Dok. "CF 1" – *a fol.* 10 tal-process).

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Feriti ta' Natura Gravi)</u>**:
Illi taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li nvolontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tal-parti leza. Filwaqt li l-Qorti tirrikonoxxi li effettivament il-parti leza sofriet griehi ta' natura gravi, u dana jirrizulta b'mod specjali mir-rapport redatt minn Dr. Mario Scerri, liema rapport jifforma parti mill-Inkjesta Magisterjali[8], ikun opportun li l-Qorti tara jekk effettivament l-imputat kienx responsabbli ghal dawn il-griehi.

Illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li hemm responsabbiltajiet dwar uzu tat-toroq imposti kemm fuq is-sewwieqa kif ukoll fuq il-*pedestrians*.

Illi kull sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm 'l hekk imsejjah *proper look out*. Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista** deciza fis-26 ta' Mejju 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Hu dover ta' driver *to see what is in plain view* [...] u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm *a proper lookout* [...].
>
> *Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well"*.

Illi dwar l-obbligu tal-*pedestrian*, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Caruana** deciza fl-14 ta' Mejju 1955 stabbilit li:

> "Il-*pedestrian* ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-*pedestrian* ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun, u *driver* li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib

[8] Dan ir-rapport jinsab *a fol.* 69 *et seq.* tal-Inkjesta Magisterjali (Dok. "CF 1" – *a fol.* 10 tal-process).

ruhu f'pozizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-*driver* ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-*pedestrian"*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa** deciza fl-4 ta' April 1959, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Il-*pedestrian* ghalkemm ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam *'with reasonable dispatch'*. Aktar u aktar tehtieg dik l-attenzjoni tal-*pedestrian* meta *si tratta* ta' *uncontrolled crossing*".

Illi l-qrati taghna huma cari u univoci fuq il-materja li sewwieq izomm *a proper lookout* u ta' negligenza kontributorja meta jigu ghal decizjonijiet fuq griehi kawzati minn incidenti tat-traffiku. Hekk, per ezempju, kienet irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Guzeppi Bilocca**, deciza fit-12 ta' Frar 2009:

"Illi dan hu kaz ta' investiment ta' *pedestrian*. Illi gie ritenut *in subiecta materia* illi l-*pedestrian* ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il-*pedestrian* ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-*driver* tal-car milli juza dak il-grad ta' *reasonable care* li tinhtieg. Dana kollu jinghad sakemm ma tkunx giet mill-*pedestrian* kreata lid-*driver*, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva (ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. J. Formosa**, Vol. XLIII. P.iv p.1023). F'sentenzi ohra umbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha, e.g. *"meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi moviment insolitu w inaspettat"* (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. J. Thornton**, Vol. XLV. P.iv. p.920) jew meta *"pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog*

> *minn xi kurva fit-triq ; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza"* (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. Cassar Desain** Vol. XLVI. P.iv. p.765). Mill-banda l-ohra pero', gie ukoll ritenut li *driver* ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-*sudden emergency* meta l-emergenza ikun holoqha hu (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera** [13.12.1968]). Dan ghaliex f'kaz simili d-*driver* ikun qieghed isofri minn *self inflicted incapacity* effett tas-sewqan hazin tieghu antecedenti jew konkomitanti.
>
> […]
>
> Illi gie mbaghad dejjem ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoché dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor. (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** [16.3.1961]; **Il-Pulizija vs. John Polidano** [3.11.1963]; **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** [Kollez Vol. XXXVII. p.iv. p.1131] u ohrajn). Dana ghaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883)".

Illi ma hemmx dubju li l-parti leza ntlaqtet mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JET 508 misjuqa mill-imputat. Mill-atti processwali jirrizultaw ukoll is-segwenti:

- Il-parti leza, mara anzjana ta' statura qasira, kienet qed taqsam triq passaguza hafna minn fuq l-ebda wahda miz-zewg *pedestrian crossings* li hemm mhux mbieghda fit-triq, fil-hin li kienet nizla x-xita u kienet qed taqsam minn fuq in-naha tal-lemin tal-imputat lejn ix-xellug tieghu u li kienet diga qasmet nofs it-triq.

- Il-hsarat fuq il-vettura misjuqa mill-imputat, liema hsarat ma kienux estensivi, kienu fuq in-naha tal-lemin tal-*bumper* ta' quddiem u fuq il-genb tal-*bonnet* tal-vettura.

- Il-vettura misjuqa mill-imputat ma halliet l-ebda brejkijiet jew *skid marks*.

- L-imputat kien qed isuq bi *speed* moderat.

- Fl-Inkjesta Magisterjali[9], Albert Lia jghid li l-parti leza harget f'daqqa wahda minn wara vettura li kienet qed timxi u li minkejja li ghafas il-brejk, il-vettura skidjat u laqat lill-parti leza.

- Fl-Inkjesta Magisterjali[10], il-parti leza tghid li harset kemm fuq in-naha tal-lemin u tax-xellug taghha u bdiet taqsam. Fl-okkorrenza[11] gie ndikat hekk: *"Same was spoken to at Mater Dei Hospital on the 12/03/2012 where she stated that she exited Yum Yums Confectionery and as she turned the corner around Heritage Shop, she tried to cross 21st. Sept. Ave. to avoid walking to the pedestrian crossing due to heavy rainful. She further stated that she remembers seeing the vehicle coming from a distance and consequently hitting her. She does not remember whether at the time she was hit by the mentioned vehicle, she was walking or was at a stationary position"* (*a fol.* 35).

Illi, tenut kont ta' dan kollu u b'mod specjali ta' dak li gie kwotat aktar il-fuq fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Guzeppi Bilocca**, il-Qorti tinnota li dan l-incident sfortunat jista' jigi kunsidrat bhala wiehed fejn bl-azzjoni tal-parti leza holqot emergenza subitanea imprevedibbli. *Di fatti*, japplika dak li nghad fil-kawza **Il-Pulizija vs. Cassar Desain** li saret riferenza ghaliha aktar il-fuq. Ma jirrizulta bl-ebda mod li l-imputat holoq l-emergenza hu.

Illi fil-fehma tal-Qorti huwa car li l-parti leza mhux biss hadet riskju meta ddeciediet li taqsam it-triq traffikuza bil-mod li qasmitha u kif gie ndikat hawn fuq, imma hi naqset li tosserva r-regoli fondamentali dwar qsim tat-triq u dana *stante* li l-Qorti hija sodisfatta li l-parti leza naqset milli thares kif hija obbligata li taghmel meta giet biex taqsam it-triq, li l-Qorti tazzarda tghid minhabba x-xita li kienet niezla. Min-naha l-ohra huwa car ukoll li

---

[9] *A fol.* 31 *et seq.* u *a fol.* 56 *et seq.* tal-Inkjesta Magisterjali (Dok. "CF 1" – *a fol.* 10 tal-process).
[10] *A fol.* 33 *et seq.* u *a fol.* 57 *et seq.* tal-Inkjesta Magisterjali (Dok. "CF 1" – *a fol.* 10 tal-process).
[11] Dok. "JC 1" (*a fol.* 32 *et seq.*).

l-imputat kien qed isuq b'mod tajjeb, meta f'daqqa sab il-parti leza ma' wiccu u gara li gara. *Di fatti*, bl-imprudenza taghha l-*pedestrian* kreat lis-sewwieq emergenza subitanea imprevedibbli, li rrenda impossibbli jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva da parti tal-imputat (**Il-Pulizija vs. J. Formosa**, kwotata hawn fuq).

Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**
**(Sewqan b'Manjiera Traskurata u Negligenti)**:
Illi, taht it-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, l-imputat qed jigi akkuzat li saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAF 121 b'manjiera traskurata u negligenti. Apparti l-konsiderazzjonijiet li diga saru fuq is-sewqan tal-imputat fl-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti tinnota li l-imputat ma kienx qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAF 121 (kif gie ndikat fit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu) pero kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JET 508. Tul is-smiegh tal-proceduri odjerni ma saret l-ebda korrezzjoni da parte tal-Prosekuzzjoni fit-tieni (2) imputazzjoni sabiex jigi ndikat in-numru t-tajjeb tal-vettura misjuqa mill-imputat u b'hekk *stante* li jirrizulta li l-imputat ma kienx qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAF 121 bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' l-imputat jinstab hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minn din l-imputazzjoni wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Albert Lia hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------